II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' lulju 2007

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistipula l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2006 u l-31 ta' Mejju 2010

(2007/532/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 300(2) flimkien ma' l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Komunità u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe nnegozjaw u inizjalaw Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd li jagħti lis-sajjieda tal-Komunità opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika ta' São Tomé u Príncipe.

(2) Huwa meħtieġ li tiġi assigurata t-tkomplija ta' l-attivitajiet tas-sajd bejn id-data li fiha jiskadi l-Protokoll preċedenti li jistipula l-opportunitajiet ta' sajd lil hinn mix-xtut ta' São Tomé u Príncipe u d-data li fiha jidħol fis-seħħ il-Protokoll il-ġdid, li jistipula l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fl-imsemmi Ftehim ta' Sħubija.

(3) Għal dan il-għan il-Komunità u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe inizjalaw ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll il-ġdid.

(4) Huwa fl-interess tal-Komunità li jiġi approvat l-imsemmi l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.

(5) Huwa meħtieġ li jiġi definit il-metodu għat-tqassim ta' l-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistipula l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2006 u l-31 ta' Mejju 2010 huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Protokoll għandu japplika provviżorjament mill-1 ta' Ġunju 2006.

Artikolu 3

L-opportunitajiet ta' sajd stipulati mill-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija huma mqassma bejn l-Istati Membri kif ġej:

Kategorija ta' sajd	Tip ta' bastiment	Stat Membru	Liċenzji jew kwota
Sajd għat-tonn	Bastimenti bil-friża li jistadu għat-tonn bit-tartarun	Spanja	13
		Franza	12
Sajd għat-tonn	Bastimenti bil-konzijiet tal-wiċċ	Spanja	13
		Il-Portugall	5

Jekk it-talbiet għal liċenzji ta' dawn l-Istati Membri ma jeżawrixxux l-opportunitajiet ta' sajd stipulati mill-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra talbiet għal liċenzji mill-Istati Membri l-oħra kollha.

Artikolu 4

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu taħt il-qafas ta' dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet, minn kull stokk, maqbuda fiż-żoni tas-sajd ta' São Tomé, skond it-termini previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar is-sorveljanza tal-qbid mid-dgħajjes tas-sajd tal-Komunità f'ibħra ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra miftuħa [1].

Artikolu 5

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jinnomina l-persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex tintrabat il-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' lulju 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
L. AMADO

[1] ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.